



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2012/2256(INI)

19.12.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika
Stharriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013
(2012/2256(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Catherine Trautmann

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' proposti ġodda mill-Kummissjoni fir-rigward tad-demokratizzazzjoni mtejbja tal-proċess Semestru Ewropew, li għadha assolutament meħtieġa u li għandu jkollha prijorità għolja; jinnota l-‘Blueprint għal UEM Profonda u Ġenwina – It-Tnedija ta’ Dibattitu Ewropew’ tal-Kummissjoni; jafferma mill-ġdid is-sejħa tiegħu għal sistema xierqa ta’ ‘kontrolli u bilanċi’ permezz tal-parteċipazzjoni msaħħa kemm tal-Parlament Ewropew kif ukoll tal-parlamenti nazzjonali u l-koordinazzjoni mtejbja bejniethom fil-fażijiet kollha tas-Semestru Ewropew (abbażi tal-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja) sabiex l-eżerċizzju attwali ferm formali tas-Semestru Ewropew jinbidel f’kooperazzjoni ekonomika u baġitarja ġenwina;
2. Jiddispjaċih li, fil-Komunikazzjoni tagħha ‘Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2013’ (COM(2012)0750), il-Kummissjoni ma indirizzatx b’mod xieraq ir-rwol tal-baġit tal-UE fil-proċess tas-Semestru Ewropew; jiddispjaċih, b’mod partikolari, li l-KE, filwaqt li tipproponi prijoritajiet ewlenin, naqset milli tipprovdi data fattwali u konkreta dwar kif il-baġit tal-UE jista’ attwalment ikollu rwol multiplikatur, katalitiku, sinerġetiku u kumplementari fir-rigward tal-politiki lokali, reġjonali u nazzjonali u tal-investimenti mnedija biex jiġu implimentati dawn il-prijoritajiet;
3. Ifakkar, f’dan ir-rigward, li waħda mil-laqgħat interparlamentari li ser ikunu organizzati fil-kuntest tal-‘Ġimgħa Parlamentari Ewropea dwar is-Semestru Ewropew għall-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika’ se tittratta ‘Ir-rwol tal-baġit tal-UE biex jappoġġja l-Istati Membri fil-kisba tal-oġġettivi ekonomiċi tagħhom kif miftiehem fil-qafas tas-Semestru Ewropew: l-eżempju tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp’; jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali evidenza konkreta u fattwali li tinforma din id-diskussjoni;
4. Jinsab konvint li l-finanzjament fil-livell tal-UE jista’ jiġġenera tfaddil għall-baġits tal-Istati Membri kollha u li dan għandu jiġi enfasizzat; iqis li l-baġit tal-UE għandu rwol vitali li jstimula t-tkabbir, it-tiŝiħ tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tnaqqis b’suċċess tal-iżbilanċi makroekonomiċi fl-Unjoni, u bażikament jikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-istrateġija “UE-2020”; jiddispjaċih mill-ġdid li l-Kummissjoni qed tonqos milli tindirizza din il-kwistjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ;
5. Jikkundanna bil-qawwa l-pożizzjoni li reġa’ ħa l-Kunsill fil-qafas tan-negożjati tal-baġit 2013 biex jitnaqqas b’mod artifiċjali l-livell ta’ approprjazzjonijiet ta’ pagament disponibbli fil-baġit tal-UE; jenfasizza li l-pożizzjoni tal-Ministri tal-Baġit tnaqqas il-kredibilità tal-awtoritajiet tal-baġit Ewropej billi tipperikola l-implimentazzjoni tal-Patt għal Tkabbir u Impjiegi adottat fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju 2012; jistieden, għal darba oħra, lill-Kunsill jaqbel mal-Parlament u l-Kummissjoni dwar metodu komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet reali ta’ pagament sabiex jiġi implimentat il-Patt għal

Tkabbir u Impjiegi; jenfasizza l-akbar urġenza tas-sitwazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' programmi fil-qalba tal-Patt għal Tkabbir u Impjiegi u inklużi fl-intestaturi 1A u 1B (kompetittività għal tkabbir u impjiegi / koeżjoni għal tkabbir u impjiegi), kif ukoll l-iżvilupp rurali;

6. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-isforzi attwali tal-Istati Membri biex jiġi pprogrammat mill-ġdid u aċċellerat l-użu tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni sabiex jiġu appoġġjati t-tkabbir u l-koeżjoni soċjali, l-aktar għall-SMEs, u għall-għlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh;
7. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet ta' finanzjament addizzjonali pprovduti mill-Bank Ewropew tal-Investment u mill-istrument il-ġdid ta' bonds tal-proġetti; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar il-progress miksub s'issa f'dan ir-rigward mill-adozzjoni tal-Patt għal Tkabbir u Impjiegi;
8. Jirrikonoxxi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-livelli ta' dejn akkumulat minn atturi pubbliċi u privati jirrestrinġu l-ambitu għal attivitajiet ġodda u investimenti fl-Istati Membri; jistieden, madankollu, lill-Istati Membri, biex la jqisu l-kontribuzzjoni nazzjonali tagħhom tal-ING għall-baġit tal-UE bħala varjant ta' aġġustament fl-isforzi tagħhom ta' konsolidazzjoni, u lanqas ifittxu li jnaqqsu b'mod artifiċjali l-volum tal-infiq li jsaħħaħ it-tkabbir tal-baġit tal-UE, kuntrarju għall-impenji politiċi li għamlu fl-ogħla livell; madankollu, huwa konxju tat-tensjoni ekonomika bejn il-ħtieġa li jkun hemm konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi fi żmien qasir, u kwalunkwe żieda potenzjali għal xi Stati Membri fil-kontribuzzjoni tagħhom ibbażata fuq l-ING ikkawżata minn żieda fil-livell tal-pagamenti fil-baġit tal-UE; għaldaqstant, itenni mill-ġdid l-appelli qawwija tiegħu għar-riforma fl-arranġamenti finanzjarji għall-baġit tal-UE – permezz ta' qbil fil-qafas tan-negozjati tal-QFP 2014-2020 – billi jitnaqqas is-sehem tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq l-ING għall-baġit tal-UE għal 40 % sal-2020, b'hekk dan jikkontribwixxi għall-isforzi tagħhom ta' konsolidazzjoni¹;
9. Iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew jaqbel dwar qafas finanzjarju pluriennali ambizzjuż għal 2014-2020 li għandu jippermetti lill-UE terġa' tistabbilixxi t-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività fl-Ewropa u b'hekk jiġu milħuqa l-oġettivi tal-Ewropa 2020, kif enfasizzat fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012²;
10. Ifakkar li l-baġit Ewropew huwa primarjament baġit ta' investment, b'94 % tat-total tiegħu jiġi investit mill-ġdid fl-Istati Membri;
11. Jemmen li l-impożizzjoni ta' pieni addizzjonali ma' dawk li attwalment qed jiġu diskussi fil-leġiżlazzjoni tat-'two-pack' bl-introduzzjoni ta' 'kundizzjonalità makroekonomika' fl-użu tal-fondi strutturali, ta' koeżjoni, tal-iżvilupp rurali, tas-sajd u dawk marittimi tal-UE tista' biss taggrava l-problemi tal-Istati Membri li diġà jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet makroekonomiċi; itenni li l-kundizzjonalità makroekonomika mhijiex aċċettabbli.

¹ Testi adottati, P7_TA(2012)0245.

² Testi adottati, P7_TA(2012)0360.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	18.12.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 3 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Zuzana Brzobohatá, Jean-Luc Dehaene, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Monika Hohlmeier, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Jan Mulder, Vojtěch Mynář, Juan Andrés Naranjo Escobar, Dominique Riquet, Alda Sousa, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Maria Da Graça Carvalho, Gerben-Jan Gerbrandy, Jaroslav Paška, Paul Rübig, Peter Šťastný, Georgios Stavrakakis, Gianluca Susta